MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 608/2010

**AIC Valerio Schembri (ID63969M) personalment u ghan-nom in rappresentanza ta' Valerio Schembri Project Workshop Ltd (C23780)**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sahha fil-kapacita` tieghu ta' Chief Government Medical Officer**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-AIC Valerio Schembri *proprio et nomine* datat 15 ta' Gunju 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi huwa gie mqabbad mid-Dipartiment tas-Sahha biex jippresta servizzi professjonali in konnessjoni mal-bini tad-dipartiment tal-Onkologija u rilokazzjoni ta' diversi

dipartimenti ohra li jopperaw mill-Isptar Boffa, fl-Isptar Zammit Clapp u fil-gonna li jiccirkondawh, f'San Giljan. Ix-xoghol kien jinkludi wkoll *refurbishment,* alterazzjonijiet u *landscaping works* fil-bini tal-isptar Zammit Clapp propju u l-gonna li jiccirkondawh. L-inkarigu ta' l-esponent minbarra d-diversi laqghat u konsultazzjonijiet ma' l-istakeholders fil-progett kien jikkonsisti fil-preparazzjoni ta' pjanti, applikazzjoni mal-MEPA, preparazzjoni ta' *bills of quantity* dettaljati, u kalkoli strutturali (inkluz alternattivi ghal varji soluzzjonijiet strutturali).

Illi in konnessjoni ma' dawn is-servizzi, inzammu numru ta' laqghat, hafna minnhom fil-prezenza tal-Ministru tas-Sahha (ta' dak iz-zmien) u tal-ghola ufficjali tal-Ministeru u tad-Dipartiment tas-Sahha u l-progett kien wasal biex jinbeda.

Illi wara l-elezzjonijiet generali mizmuma fl-2008, dan il-progett gie abbandunat.

Illi a bazi tat-**Tariffa K tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, li tirregola l-hlasijiet dovuti lill-Periti, d-drittijiet professjonali dovuti lill-attur jammontaw ghall-tmien mija u erbat elef u dsatax-il ewro u tmienja u tmenin centezmu (€804,119.88) u l-esponenti nkorra spejjez fl-ammont ta' hamest elef tliet mija u hamsa u sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€5,365.45) - b'kollox €809,485.33 - kif dettaljatament spjegajt fl-anness prospett Dok 'A'.

Illi l-esponenti talab il-hlas dovut lilu, anki gudizzjarment, u ghalkemm inzammet laqgha u ghaddiet korrispondenza sabiex tinsab soluzzjoni bonarja ghal din il-vertenza, l-intimat baqa' ma hallas xejn mill-ammont dovut lill-esponenti u kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talab lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma fuq imsemmija ta' €809,485.33 kwantu ghall-€804,119.88 drittijiet professjonali a bazi tat-**Tariffa K tal-Kap 12**; u

2. Kwantu ghal €5,365.45 spejjez inkorsi mir-rikorrenti fl-inkarigu lilu moghti.

Bl-ispejjez kontra, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 2008 u bl-imghax legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit minn fol 3 sa fol 5 tal-process.

Rat id-digriet tal-Qorti datata 15 ta' Gunju 2010 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Gillian Portelli u appuntat il-kawza ghat-13 ta' Lulju 2010 biex tisma' il-provi tal-partijiet.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali tas-Sahha fil-kapacita' tieghu ta' Chief Government Medical Officer datata 3 ta' Awwissu 2010 a fol 12 tal-process fejn Dr. Raymond Busuttil bil-gurament tieghu ecceppixxa-

Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

1. Preliminarjament, illi r-rikors guramentat in kwantu maghmul minn zewg atturi bhala azzjoni kumulattiva huwa null billi ma jispjegax l-interess partikolari ta' kull attur fil-kawza.

2. Illi minghajr pregudizzju, l-istess rikorrenti Valerio Schembri ma jistax jipproponi rikors kemm f'ismu fil-kwalita' professjonali tieghu bhala Perit kif ukoll f'isem socjeta' kummercjali stante li t-tip ta' servizz li allegatament ppresta r-rikorrenti, Valerio Schembri f'ismu personali huma servizzi professjonali li ma jistghux jigu pprestati mis-socjeta' kummercjali, kif qed jippretendi l-istess rikorrenti.

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju t-Tariffa K tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li fuqha l-atturi qed jibbazaw l-kalkulazzjonijiet taghhom hija tariffa li tirregola l-hlas tas-servizzi professjonali tal-periti u mhux il-

pagamenti li jsiru lil ta’ socjetajiet kummercjali u ghalhekk l-azzjoni in kwantu intavolata minn socjeta’ kummercjali biex tithallas skont it-Tariffa K hija karenti minn kull fundament guridiku u ghandha tigi respinta.

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju, kull tip ta’ kuntratt ghax-xoghlijiet jew servizzi bhal dak allegat fir-rikors in risposta huwa suggett ghall-‘Public Service Procurement Regulations’ u ghall-‘Public Contracts Regulations’.

4. Illi ghalhekk galadarba l-atturi qed jallegaw li huma gew inkarigati mid-Dipartiment tas-Sahha, u cioe’ mill-Gvern, biex jipprestawlu certi servizzi li taghhom qed jallegaw li ma thallsux, huma ghandhom ghall-inqas jindikaw l-bazi tar-relazzjoni kontrattwali li qeghdin jallegaw bhal per ezempju, *‘letter of acceptance’* (ta’ tender jew kuntratt) u juri li huma gew mahtura skond l-imsemmija regolamenti. Altrimenti ma tista tezisti ebda relazzjoni kontrattwali skond il-ligi bejn l-atturi u l-Gvern u l-esponent ma jista jkun il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-ammont mitlub mill-atturi mhux dovut mill-esponent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda a fol 13 u 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli.

Rat li l-kawza giet appuntata ghas-smigh quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta ghas-seduta tat-3 ta’ Novembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta’ Gunju 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Zammit Maempel ghall-atturi u Dr. Bridgette Gafa’ ghall-konvenut. Xhedu Dr. Natasha Azzopardi Muscat, Mrs. Jacqueline Camilleri, Mr. Brian St. John, u Dr. Kenneth Grech. Dr. Bridgette Gafa’

ddikjarat li m'ghandhiex aktar proviu ddikjarat li kienet ser prova sadanittant tfittex soluzzjoni barra l-Qorti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-18 ta' Ottubru 2012.

Rat ir-rikors tat-Tabib Principali tal-Gvern datata 28 ta' Settembru 2012 fejn talab lill-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni tad-dokumenti annessi, takkorda terminu fil-qosor sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u dan suggett ghal kull provvediment illi jidhrilha opportun; u l-Qorti, wara li rat in-nota tal-attur datata 4 ta' Ottubru 2012, laqghet it-talba sabiex jigu ezebiti d-dokumenti annessi b' kopja lill-kontro parti, izda cahdet it-talba ghal prezentata tan-nota peress li tali talba kellha ssir fi zmien propizzju tenut kont tal-fatt li l-kawza hija differenti ghas-sentenza ghat-18 ta' Ottubru 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija talba sabiex l-attur fil-kwalita' tieghu premessa jithallas l-ammonti rispettivi ta' €804,119.88 bhala drittijiet professjonali a bazi tat-**Tariffa K tal-Kap 12** u l- €5,365.45 spejjez inkorsi mir-rikorrenti fl-inkarigu lilu moghti sabiex issiru pjanti fir-rigward ta' rilokazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Onkologija mill-Isptar Boffa ghal l-Isptar Zammit Clapp.

Illi jirrizulta li dan ix-xoghol kien jinkludi li l-Perit jaghmel scheme design tal-progett kollu inkluz ir-refurbishment ta' Zammit Clapp sabiex jigu akkomodati certu dipartimenti fis-sit maghzul, nkluz li ssir l-applikazzjoni ghall-permessi u wkoll li tigi mhejjiha stima dettaljata sabiex jigi stabilit kemm kien ser jiswa l-progett kollhu.

Illi jidher li gie avvicinat l-ewwel darba sabiex jaghmel dan ix-xoghol minn Edward D'Agostino li kien id-Direttur tal-Finanzi tad-Divizjoni tas-Sahha f'dak iz-zmien; sussegwentement saret laqgha ma' Dr. John Cachia li kien direttament responsabbli mill-progett u wkoll ma' Dr. Stephanie Xuereb li kienet qed tmexxi l-progett taht is-supervizzjoni tal-imsemmi Dr. John Cachia u ma' Ms. Rosanne Portelli li kienet *project manager* tal-istess progett.

Illi saru laqghat mill-attur ma' Martin Pirotta li kien jiehu hsieb il-parti teknika tal-progett ghan-nom tad-Dipartiment tal-Onkologija, u wkoll laqghat ma' diversi konsulenti fosthom Dr. Stephen Brincat, Dr. Lawrence Scerri, Dr. Carabott, Ray Attard Previ fost ohrajn u Diretturi tad-Divizjoni tas-Sahha u l-kapijiet tad-Dipartiment ta' l-Isptar Boffa (Dok. "VS 01 sa Dok. "VS )u fil-maggor parti ta' dawn il-laqghet l-attur kien akkompanjat mill-Perit Charmaine Cutajar mill-ufficcju tieghu.

Illi mill-istess minuti jirrizulta li dawk kollha prezenti kienu jafu bix-xoghol li kien qed jaghmel l-attur permezz tal-ufficju professjonali tieghu inkluz il-minuta datata 14 ta' Gunju 2006 (Dok. "VS 02" ).

Illi fl-ahhar jirrizulta li l-attur hejja l-iskema finali ta' kif kellhu jkun l-istess progett u dan kien ghall-habta tal-ahhar ta' Gunju 2006; wara sar xoghol sabiex jigi finalizat id-disinn fuq pjanti sabiex l-istess jigi prezentat lill-*Health Policy Board* u sabiex ghamel dan l-istess attur ghamel uzu mill-adetti fl-ufficju tieghu kemm *full time* u kemm *part time* ghaliex kien gie indikat li kien hemm urgenza sabiex dan il-progett jigi kompletat.

Illi finalment fid-9 ta' Awissu 2006 sar il-*Health Policy Board Meeting* fejn gie prezentat il-progett ghall-konsiderazzjoni tad-Divizjoni u f'din l-okkazjoni kien hemm prezenti l-ex Ministru tas-Sahha l-Onorevoli Louis Deguara, l-ex Segretarju Parlamentari gja Onorevoli Helen D'Amato, is-Segretarju Permanenti Frank Mifsud, Dr. Raymond Busuttil, Salvu Gambin segretarju tal-

Ministru, Salvu Sciberras konsulent tal-Ministru, is-segretarja tal-Health Policy Board li zammet il-minuti, Dr. John Cachia, Dr. Stephanie Xuereb u s’intendi l-attur u l-Perit Charmaine Cutajar mill-ufficju tieghu.

Illi f’din il-laqgha jinghad li l-Onorevoli Ministru ried li jizdiedu l-ispazji ghall-espansjoni fil-futur u wkoll li l-attur kellhu jaghmel stima u valutazzjoni kemm jista’ jkun preciza ghall-istess progett inkluz tal-finishes ghaliex inghad mill-Ministru li ma riedx li jerga jigri dak li kien gara fl-estimi tal-Mater Dei. Dan kollu meta jitlesta kellhu jigi prezentat lill- Kabinett tal-Ministri u lill Prim Ministru u dan jirrizulta wkoll minn Dok. “VS 03” li huwa rapport ta’ Dr. Stephanie Xuereb ghall-Health Policy Board, fejn hemm indikat li kellhu jkun hemm

*“Future Milestones*

*Approval of Health Policy Board and preperation of detailed costings.*

*Presentation to Cabinet – Approval of project and its funding.*

*Submit for MEPA approval*

*Preparation of tenders”.*

Illi sussegwenti ghal dan l-attur tramite l-ufficju tieghu kien hejja *Bill of Quantities* preciza u struttura alternattiva li gie ukoll valutata u stmata kif mitlub. Saret laqgha fil-Ministeru tas-Sahha fl-20 ta’ Settembru 2006 fejn gew prezentati l-estimi dettaljati u wkoll l-pjanti finali, u sussegwentement bejn Ottubru u Novembru 2006 inghata CD li kien fiha *power point presentation* tal-proposti kollha (Dok. “PP 1”) u dan flimkien mal-pjanti kollha relattivi (Dok. “FD 1” sa Dok. “FD 21), kopja tad-drawings strutturali (Dok. “SD 2” sa Dok. “SD 22” flimkien mal-kalkoli strutturali necessarji (Dok. “SAD 1”), l-istima dettaljata tal-binja l-gdida tad-Dipartiment tal-Onkologija (Dok. “EST 1”) inkluz ta’ l-istruttura alternattiva, u stima dettaljata tax-xogholijiet kollha li kellhom issiru fl-Isptar Zammit Clapp (Dok. “EST

02”). Konsegwenti ghal dan saru analizi mid-Divizzjoni tas-Sahha tal-Progett u fi Frar 2007 giet intavolata l-applikazzjoni relattiva l-MEPA li kienet iffirmata minn Dr. John Cachia f’isem id-Divizjoni tas-Sahha (Dok. “VS 04” – PA 1332/07) flimkien ma’ sett pjanti Dok. “MEPA 0101” sa Dok. “MEPA 0113”) u fil-fatt l-attur ircieva cekk fl-ammont ta’ Lm7,190 (Dok. “VS 05”).

Illi sussegwentement ghal dan harget Tender *“Design and Construction of bunkers and provision of linear accelerators for a new radiotherapy department”* u saru laqghat mieghu u mad-dipartiment nkluz korrispondenza ma’ Dr. John Cachia (Dok. “VS 07”) sabiex bhala l-perit inkarigat jirrispondi ghall-mistoqsijiet tal-kuntratturi jew offerenti prospettivi.

Illi huwa baqa’ jsegwi l-applikazzjoni l-MEPA tant li esebixxa wkoll emendi u dokumenti li l-MEPA talbet minn zmien ghall zmien inkluz dak li jirrizulta minn Dok. “VS 09” u pjanti in sostenn u in konnessjoni ma’ dan (Dok. “MEPA 0201” sa Dok. “MEPA 0218”).

Illi jirrizulta li minhabba dan il-progett minhabba pjanijiet li kellha l-Awtorita’ tat-Trasport ghal Triq Regjonali liema pjanijiet kienu jinvolvu parti mill-gonna ta’ Zammit Clapp kellha ssir *PC application* attwalment intavolata fit-8 ta’ April 2008 u ffirmata minn Dr.John Cachia (Dok. “VS 10”) u din giet registrata PC 0047/08 u pjanti redatti mill-attur (Dok. “PS 01” sa Dok. “PC 02”), u minn Dok. “VS 11” jirrizulta li Joseph Church bhala Direttur Generali *Resources and Support* kien informa lill-attur li d-dokumenti sabiex issir il-hlas tal-*PC application* kien gew mghoddija lill-*Accounts Section* u dan kien ikkomunika wkol mal-attur.
Illi l-importanza ta’ dan il-progett giet enfassizata minn email datata 23 ta’ Mejju 2008 (Dok. “VS 13”) minn Dr. John Cachia lill-attur li kienet tghid testwalment li:-
*“....I re-iterate what I said this morning that it is of paramount importance that the MEPA process is brought to a successful conclusion as soon as possible ......”*
Illi wara l-Elezzjoni Generali tal-2008 dahlet il-*Foundation for Medical Services* bhala *project manager* tal-progett u

saru laqghat mal-Perit Martin Attard Montalto li kien CEO tal-istess Fondazzjoni, u l-Perit Robert Borg Hayman, is-Sur Joe Camilleri u s-Sinjura Jacqueline Camilleri ghad-divizjoni tas-Sahha u dan kif konfermat minn Dok. “VS 14” u Dok. “VS 15” u allura ma hemmx dubju li anke din il-Fondazzjoni kienet taf bix-xoghol li kien qed issir mill-attur tant li kien l-imsemmi Perit Martin Attard Montalto stess li ikkomunika mal-attur fuq l-istess progett kif jispjega sewwa l-attur fil-paragrafu ta’ qabel ta’ l-ahhar f’pagna 7 tal-affidavit tieghu datat 17 ta’ Awissu 2010 (fol. 7).

Illi gara izda li l-MEPA kienet fil-bidu ta’ l-2009 ghamlet diversi domandi u l-attur talab direzzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha fosthom lill Dr. John Cachia, Joseph Church, Jacqueline Camilleri, lis-Segretarju Permanenti u anke lill Claire Desira li hija ndikata bhala assistenta tal-Onerevoli John Dalli  Ministru tas-Sahha ta’ dak iz-zmien, izda ma kien hemm ebda risposta ghalkemm l-ilment tal-attur ghadda minghand is-Sur Frank Mifsud Segretarju Permanenti tad-Divizjoni lis-Segretarju Permanenti Dr. Kenneth Grech kif jidher minn Dok. “VS 16”, izda kien kollu ghalxejn. Fil-fatt l-attur baghat ittra lill-MEPA (Dok. “VS 17”) fejn talab ghall-aktar zmien sabiex jirrispondi ghal kweziti li hija qajmet, u anke saru komuniki mill-attur lill-Onorevoli Prim Ministru permezz ta’ zewgt e-mails (Dok. “VS 18”). Izda jirrizulta li fil-21 ta’ Ottubru 2009 Dr. John Cachia bhala Direttur Generali rtira l-applikazzjoni PA 1332/07 (Dok. “VS 19).

Illi kien ghalhekk li allura l-istess attur talab li jithallas tal-prestazzjoni profesjonali tieghu kif jidher minn Dok. “VS 20” li jinkludu dritt ghall-preparazzjoni ta’ Bill of Quantities, dritt ghall-applikazzjoni tal-MEPA meta jigi tterminat l-inkarigu mill-klijent, dritt ghal kalkolazzjonijiet strutturali, u spejjez, kollox kif jidher fl-istess kont u wkoll f’pagna 8 u 9 tal-affidavit tal-attur (fol. 24 u 25 tal-process).
Illi fil-verita’ l-inkarigu tal-attur jirrizulta mill-affidavit tieghu u mid-dokumenti kollha esebiti u huwa kkonfermat mill-affidavit tal-Onorevoli Ministru Louis Deguara datat 29 ta’ Novembru 2011 (fol. 39), u minn Dr. John Cachia li dak iz-zmien kien Direttur Generali responsabbli mis-Servizz tas-Sahha fix-xhieda tieghu datata 6 ta’ Dicembru 2011 fejn

qal li jaf li kien inkarigat fuq dan ix-xoghol l-attur tant li huwa kellhu struzzjoni bil-miktub mill-Health Policy Board sabiex dan l-inkarigu jigi moghti lill attur (fol. 56). Ma hemm l-ebda dubju li x-xoghol fil-fatt sar u wasal ghand l-istess xhud u l-pjanti preparati mill-attur gew sottomessi lill-MEPA minnu stess (fol. 59 u Dok. "PS 13" – iffirmat minn Dr. Cachia stess) u dan sakemm l-istess Direttur Generali wara s-sena 1998 il-progett gie abbandunat (fol. 60) u dan ghaliex kien hemm decizjoni politika li l-Isptar tal-Onkologija ma jibqax jigi zviluppat f'Zammit Clapp izda jmur Mater Dei.

Illi l-istess tezi tal-attur hija wkoll kkoroborata mix-xhieda ta' is-Sinjura Helen D'Amato li dak iz-zmien kienet Segretarju Parlamentari ghall Anzjani fil-Ministeru tas-Sahha (xhieda 6 ta' Dicembru 2011 – fol. 65 - 69) u kienet ukoll membru tal-imsemmi Health Policy Bord; mill-affidavit ta' Dr. Stephanie Xuereb li dak iz-zmien kienet Principal Medical Officer fid-Dipartment of Institutional Health (13 ta' Jannar 2012 – fol. 77); affidavit ta' Edward D'Agostino datat 14 ta' Dicembru 2011 (fol. 78) li kkonferma li kienet ittiehdet id-decizjoni li jigi nkarigat fuq dan il-progett l-attur anke ghaliex kien gja gie inkarigat diversi drabi mid-Dipartiment tas-Sahha (fol. 78) kif fuq kollox jghid l-attur stess fl-affidavit tieghu; u wkoll mix-xhieda ta' Joseph Church li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Rizorzi Sapport) (affidavit tal-14 ta' Dicembru 2011 – fol. 79) li sahansitra kkonferma li l-kontijiet tal-attur fis-sena 1998 kien intbaghtu lill-*Foundation for Medical Studies* bhala l-*project manager* tal-progett sabiex min naha taghhom jaghmlu l-verifiki izda l-istess xhud jghid li sakemm baqa' f'dik il-kariga f'April 2009 ma' kien ircieva l-ebda rapport mill-FMS (fol. 79).

Illi jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Dr. Natasha Muscat Azzopardi, tabiba Ewliena tal-Gvern li dwar il-kont hija kkonsultat *inter alia* mas-Segretarju Permanenti Dr. Kenneth Grech, anke minhabba l-ammont tal-kont, u giet informata li kienu ghadhom iridu jistabilixxu jekk kienux jaqblu mas-somma jew le (xhieda 14 ta' Gunju 2012); Mrs Jacqueline Camilleri, Direttur Generali tal-Finanzi xehdet fl-istess gurnata xehdet li hija ma hallsitx ghaliex ma kellhiex approvazzjoni sabiex taghmel dan, u kellha ssir

evalwazzjoni teknika, li jidher li sakemm xehdet l-istess xhud ma kellhiex informazzjoni fuq l-istess.
Illi xehed ukoll Mr. Brian St. John Kap Esekuttiv tal-Fondazzjoni ghas-Servizzi Pubblici (14 ta' Gunju 2012) li sostna li kien ilu fil-kariga minn Frar 2009 izda dwar dan il-kont kellhu xi laqghat mal-attur, izda ma jaf li sar xejn izjed (fol 104); jirrizulta li fil-mument li xehed kienu ghadhom qed isiru xi verifiki li pero' ma jirrizultawx f'xiex waslu; fl-ahharnett xehed Dr. Kenneth Grech, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Sahha b'effett minn Marzu 2009 fejn xehed li wara li ha l-kariga u gie prezentat bil-kont tal-attur talab ghall evalwazzjoni teknika sabiex ikun jista' jevalwa l-pretensjoni tal-attur, u tali process jaf li kien inbeda f'dak iz-zmien u kien ghadu sakemm xehed ghadu ghaddej u allura qabel issir dan ma jistax ikun hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi.
Illi fid-dawl ta' dan l-istat ta' provi din il-Qorti thoss li l-pretensjonijiet kollha attrici gew ippruvati u ma hemm xejn fl-istess process li jimmilita kontra l-pretensjoni attrici, la dwar l-inkarigu lilhu moghti, la li sehh l-inkarigu, u lanqas dwar in-natura ta' xoghol esegwit mill-attur, u lanqas dwar l-ammont u tariffa applikata, u f'dan il-kuntest jinghad li l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma gew bl-ebda mod sostnuti u lanqas jistaw jwaqqfu jew jostakolaw it-talbiet attrici kif imposti, b'dan li din il-Qorti thoss li effettivament ma hemm minn naha tal-konvenut l-ebda difiza ta' xejn. Fil-fatt ix-xhieda attrici hija kkoroborata sahanistra mix-xhieda ta' adetti tal-konvenut. Ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta guramentata tal-konvenut datata 3 ta' Awissu 2010 ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma fuq imsemmija ta' €809,485.33 kwantu ghall-€804,119.88 drittijiet professjonali a bazi tat-**Tariffa K tal-Kap 12**; u

2. Kwantu ghall-€5,365.45 spejjez inkorsi mir-rikorrenti fl-inkarigu lilu moghti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Gunju 2008 u bl-imghax legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat/konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------